MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 107/2012

**Naman Sayed Ghedafedam u martu Fatema Atallah Ghedafedam bħala kuraturi *ad litem* tal-minuri binhom Muamer *sive* Yussuf Ghedafedam**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Frar 2012 fejn gie premess :

Illi l-sponenti konjugi Ghedafedam ilhom domiċiljati f'Malta għal dawn l-aħħar sentejn peress li l-esponenti Naman Sayed Ghedafedam kien jaħdem fl-ambaxxata Libjana bħala l-kap ta' servizzi ta' sigurta;

Illi waqt li nqala’ l-kunflitt reċenti fil-Libja, l-esponent Naman Sayed ġie mkeċċi minn xogħlu peress li huwa qarib tal-ex Kap tal-Istat Libjan Muammar Ghaddafi;

Illi sussegwentement, wara li nqala’ l-konflitt fil-Libja li wassal għad-deċess tal-Kap tal-Istat Libjan, l-esponenti flimkien ma’ wliedhom minuri applikaw sabiex jingħataw l-istatus tal-għażil f’Malta u s’issa ottjenew *provisional humanitarian protection* fit-3 ta’ Diċembru 2011;

Illi binhom minuri Muamer magħruf bħala Yussuf Għeddafedam, twieled fit-8 ta’ Lulju 2001 f’Malta fl-eqqel tar-rewwixta Libjana u ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bl-isem Muamer, u dan kif jidher mil-estratt veru mill-Att tat-twelid tiegħu miżmum fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elfejn ħames mija sebgħa u tletin (2537) hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘A’;

Illi fl-istess att l-isem li bih għandu jissejjaħ il-minuri ġie ndikat bħala Muamer meta fil-fatt, għalkemm ta’ eta żgħira, huwa dejjem ġie msejjaħ bħala Yussuf kemm fil-familja kif ukoll fuq dokumentazzjoni uffiċjali tal-ġenituri. Dan kollu jirriżulta ampjament ċar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti ‘B’,’C’, ‘D’, ‘E’ u ‘F’.

Illi tali nkonsistenza qiegħda tikkawża u ser tikkawża diffikultajiet mhux biss prattiċi lill-esponenti iżda anke diffikultajiet reali in kwantu l-isem tal-minuri Muamer Gheddafedam jixbah ħafna lil dak tal-ex Kap tal-Istat Libjan u wieħed faċilment jista’ jagħmel ċertu assoċjazzjonijiet li ma jeżistux, u għalhekk l-esponenti fil-vesti tagħhom ta’ kuraturi *ad litem* ta’ binhom minuri għandhom interess, skond il-liġi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta’ binhom kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tiegħu;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru elfejn ħames mija sebgħa u tletin (2537), fis-sens illi l-isem ta' binhom minuri 'Muamer' jinbidel għal dak ta' 'Yussuf' u dan peress illi l-minuri mit-twelid kien imsejjaħ bl-isem ta' Yussuf;

b) Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-isem 'Muamer' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Yussuf';

c) Todna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16, illi dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-esponenti, sabiex il-minuri iben l-esponenti jiġi ndikat bl-isem ta' 'Yussuf' minflok dak ta' 'Muamer'.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżentata fit-22 ta' Frar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex

biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Yussuf kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħhom *ossia* li tul ħajjitu binhom kienet konsistentement imsejjaħ bħala Yussuf u mhux Muamer;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien ir-rikorrenti stess, Naman Said Ghedafedam (Dok. A), li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isem il-minuri hija evidentement ġustifikata billi isem il-minuri għandu jsir **Yussuf** billi huwa

dejjem issejjaħ hekk.  Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. Madankollu peress li ma humiex indikati l-atti li l-atturi iridu jsewwu l-Qorti ma tistax tilqa' t-tielet talba.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi u tiċħad it-tielet waħda.**

**L-ispejjeż tal-kawza jkunu sopportati mill-atturi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------